

32004D0023

L 5/90

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

9.1.2004

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI  
 tad-29 ta' Diċembru 2003**

**li tistipula l-bidu ta' investigazzjoni skond l-Artikolu 27(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2501/2001  
 dwar il-vjolazzjoni tal-libertà ta' assoċjazzjoni fil-Belarus**

(2004/23/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2501/2001 ta' l-10 ta' Diċembru 2001 li japplika skema ta' preferenzi ta' tariffi ġeneralizzati għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2002 u l-31 ta' Diċembru 2004 <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1686/2003 <sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 27 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni dwar allegati vjolazzjonijiet tal-libertà ta' assoċjazzjoni f'Belarus. L-informazzjoni kienet mogħtija mill-Konfederazzjoni Internazzjonali tat-Trade Unions Ħielsa (ICFTU), mill-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU) u mill-Konfederazzjoni Dinjija tax-Xogħol (WCL) flimkien.
- (2) L-Artikolu 26(1)(b) jipprovdi għall-irtirar temporanju ta' preferenzi ta' tariffi, fil-konfront tal-prodotti kollha jew uħud minnhom, li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju għal "vjolazzjoni serja u sitematika tal-libertà ta' assoċjazzjoni, id-dritt ta' negozjar kollettiv jew il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni fil-konfront ta' impjeg u okkupazzjoni, jew użu tax-xogħol tat-tfal, skond il-Konvenzjoni rilevanti ta' l-ILO".
- (3) Il-Kummissjoni eżaminat l-informazzjoni mogħtija dwar allegati vjolazzjonijiet tal-libertà ta' assoċjazzjoni f'Belarus. L-allegati vjolazzjonijiet jirrigwardaw restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-ħaddiema u ta' min iħaddem li jstabbilixxu

organizzazzjonijiet ta' l-għażla tagħhom mingħajr indħil mill-awtoritajiet pubbliċi, indħil mill-awtoritajiet pubbliċi fl-elezzjonijiet tat-*trade unions*, limitazzjoni ta' attivitajiet tat-*trade unions* u ripressjoni tal-mexxejja u attivisti tat-*trade unions*, skond il-Konvenzjoni dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u Protezzjoni tad-Dritt ta' Organizzazzjoni Nru 87 u l-Konvenzjoni dwar id-Dritt ta' Organizzazzjoni u Negozjar Kollettiv Nru 98 ta' l-Għaqda Dinjija tax-Xogħol. Il-Kummissjoni jidhrilha li jeżistu raġunijiet suffiċjenti għal investigazzjoni.

- (4) Il-miżuri previsti f'din id-deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Preferenzi Ġeneralizzati,

IDDEĊIEDIET DAN LI ĠEJ:

*Artikolu waħdani*

Il-Kummissjoni għandha tibda investigazzjoni dwar vjolazzjonijiet allegati tal-libertà ta' assoċjazzjoni f'Belarus.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Pascal LAMY

*Membri tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 346, tal-31.12.01, pġ. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 240, tas-26.09.03, pġ. 8.